**20 ta' Mejju, 1963**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Chev. Capt. Ronald Smith

*versus*

Wanda armla Terreni

**Bord tal-Kera — Ripreża — Bżonn tas-Sid**

*Ma jistgħax jingħad li r-rikorrenti għandu veru bżonn li jieħu taħt idejh dak il-fond partikolari, meta għandu għad-dispożizzjoni tiegħu l-fond li qiegħed joffri.*

*Skond il-liġi m'huwiex biżżejjed li s-sid ikun irid u fixtieq jieħu taħt idejh fond mikri, iżda jeħtieġ li juri għas-soddisfazzjon tal-awtorità ġudikanti li tassew għandu bżonn dak il-fond partikolari.*

Il-Qorti, rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li jirregola l-Kera li talab li jiriprendi pussess tal-fond nru. 36, Howard Street, Sliema, billi għandu bżonnu għat-tifla tiegħu Blanche li sejra tiżżewweġ.

Rat is-sentenza tal-Bord tat-28 ta' Marzu, 1963 li biha ġiet milqugħa t-talba bil-patt li jkun hemm "available" għall-intimata d-dar 46, New Street, Sliema, libera, bil-kera ta' sittin lir (£60) fis-sena, u ġie mogħti xahrejn żmien minn dak inhar għall-iżgumbrament, bl-ispejjeż mingħajr taxxa, billi l-Bord ikkunsidra:—

Illi r-rikorrent li jrid id-dar in kwistjoni biex tmur toqgħod fiha t-tifla tiegħu Blanche li sejjra tiżżewweġ, offra lill-intimata bħala alternative accomodation bil-kera ta' sittin lira (£60) bħal ma qegħda tħallas l-intimata d-dar 46 New Street tas-Sliema wkoll.

L-intimata għandha magħha tifla xebba u tifel ġuvni: għandha tifel miżżewweġ li ilu ħafna msiefer u meta jiġi Malta joqgħod għandha u ġie li jġib il-familja miegħu.

Il-fond offert fih entrata, kamra laterali kbira b'tieqa għat-trieq, kamra żgħira warajha b'tieqa għal bitħa nterna u bieb għal taħt it-taraġ li jiġi wara l-entrat: minn taħt it-taraġ tgħaddi għal kamra oħra ta' daqs medju li għandha mal-lemin ante-room u W.C. għal bitħa nterna, u żewġ bibien fil-faċċata, wieħed għall-ġnien u l-ieħor għall-kamra oħra li għandha żewġ twieqi għall-ġnien u bieb għall-bitħa nterna. Fil-pjan ta' fuq hemm kamra żgħira fuq l-entrata bit-tieqa għat-trieq, hemm oħra kbira bil-gallerija, kamra ta' daqs medju warajha b'tieqa għal bitħa nterna, kamra oħra ta' daqs medju li għandha mal-lemin antiroom u W.C. u kamra oħra tal-banju, it-taraġ jibqa' tiela' għat-tieni pjan fejn hemm kamra ta' daqs medju b'ħajt minnhom ta' l-injam, u l-bejt.

Fil-fehma tal-Bord il-fond offert huwa suitable għall-intimata taħt l-aspetti kollha u meħuda in konsiderazzjoni anki l-kondizzjoni soċjali ta' l-intimata u n-numru tal-familjari tagħha. Il-Bord ma hux jikkunsidra bħala formanti parti mill-familja ta' l-intimata t-tifel tagħha miżżewweġ li hu stabbilit barra minn Malta. Lanqas ma huwa ta' ostakolu għas-suitability l-fatt illi d-dar hija iżgħar mill-fond in kwistjoni u li per konsegwenza l-intimata tista' ssib ruħha kostretta tneħħi xi mobbli. Hemm kmamar indipendenti biżżejjed fid-dar offerta.

Rat ir-rikors tal-intimata Terreni li talbet ir-riforma tas-sentenza fuq imsemmija tal-Bord, billi tiġi revokata fejn laqgħet it-talba tal-attur u kkundannat lill-appellanti li tiżgombra mill-fond fuq imsemmi, u ordnatha tħallas l-ispejjeż propriji, u tiġi konfermata in kwantu waħħlet lill-attur l-ispejjeż tiegħu, u jiġi maqtugħa biċ-ċaħda tar-rikorrent bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, u in subordine, li tiġi riformata dik is-sentenza billi jiġi modifikat id-dispositiv tal-kera tal-alternative accommodation fis-sena li dan ikun ta' mhux iżjed minn sittin lira (£60) fis-sena flok ta' sittin lira (£60) fis-sena, u billi jiġi stabbilit terminu ġust u stabili għal lokazzjoni tal-alternative accommodation fuq indikata, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-appellat Smith li wieġeb li s-sentenza appellata hija ġusta u jisthoqqilha konferma bl-ispejjeż.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża, u semgħet l-avukati.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent irid il-fond de quo għal-bintu li sejjra tiżżewweġ; iżda l-Qorti ma' tara ebda raġuni l'għala għandha tiġi żgumbrata l-intimata appellanti, meta l-fond offert bħala alternative accommodation huwa ugwalment tajjeb u adatt għal bint ir-rikorrent, li għada sejra tibda biex tifforma familja, u ċertament mid-deskrizzjoni tal-fond jidher li dana fieh kobor biżżejjed u kumdita suffiċjenti, u jinsab f'lokalita biżżejjed tajba għal bżonnijiet u grad soċjali tagħha. Għaldaqstant ma jistax jingħad raġonevolment li r-rikorrent għandu veru bżonn li jieħu taħt idejh dak il-fond partikolari, meta għandu għad-disposizzjoni tiegħu l-fond li qiegħed joffri bħala alternative accommodation lill-intimata appellanti. Dina l-Qorti ripetutament f'diversi sentenzi riċenti rrile-

vat li skond il-liġi mhuwiex biżżejjed li s-sid ikun irid u jixtieq jieħu taħt idejh fond mikri lill-ħaddieħor, iżda jeħtieġ li juri għas-soddisfazzjoni tal-awtorita ġudikanti li tassew għandu bżonn dak il-fond partikolari; altrimenti l-inkwilin m'għandux jiġi disturbat bla bżonn fit-tgawdija tal-fond mikri lilu għax kwalunkwe żgumbrament iġib hardship lill-iżgumbrat u jrid ikun ġustifikat. Ir-raġuni allegata fis-smiegħ tal-appell li eventwalment ir-rikorrent ikun jista' jiżviluppa d-dar de quo hija spekulattiva u ipotetika u ma tiġġustifikax it-talba. Għal dawn ir-raġunijiet mhux lok li tilqa' r-riliev tal-appellat tat-tmiena ta' dax-xahar.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tar-rikorrent appellata bl-ispejjeż kontra tiegħu.